MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2006

Numru. 730/2006

PULIZIJA
SPETTUR JEFFREY CILIA
VS
YOUSSIF GARA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Youssif Gara, ta’ 23 sena, nazzjonalita’ Mali, bin Abud u Namacin, imwieled Bamako fl-1983, fil-prezent mizmum Lyster Barracks, Hal Far, bla dokumenti, u detentur ta’ numru ta’ l-immigrazzjoni 06X 016, u akkuzat talli nhar is-26 ta’ Lulju 2006 ghal habta tal-5.45pm, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, dahal f’zona ristretta meta ma kellux security pass jew awtorizzazzjoni temporanja bil-miktub mahruga mill-Manager tas-Sigurta’ fl-Ajruport, u dan bi ksur tal-Artiklu 12 tal-Kap 405 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni, wara li l-Qorti akkordat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artiklu 12 tal-Kap 405 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija li minnha ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------